MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 846/2011

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Cianatar**

F'dan il-procediment il-bank rikorrenti qieghed jitlob li jerga jrendi ezegwibbli kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 ta' Dicembru 2007 pubblikat min-nutar Dr Roland Wadge u li permezz tieghu l-intimati ddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-bank fis-somma ta' tnejn u erbghin elf tmien mija u sitta u tmenin ewro (€42,886) flimkien mal-imghax.

Fis-seduta tal-lum deher l-intimat Paul Ciantar li pprezenta kopja ta' rendikont li qal li gabar dakinhar stess mill-ufficcju tar-recoveries tal-bank (Dok. PC1). L-intimati

qeghdin jaccettaw li ghadhom debitur tal-bank pero fl-ammont li jissemma fl-imsemmi dokument.

Irrispettivament x’inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f’dan it-tip ta’ procediment m’huwiex il-kompitu tal-qorti li toqghod taghmel konteggi u tikkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta’ verifika li ghad hemm hlas dovut, cjoe’ li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-ezekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talba tal-bank u skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 qeghda terga’ tirrendi ezegwibbli l-kuntratt pubbliku tal-20 ta’ Dicembru 2007 pubblikat min-nutar Dr Roland Wadge (fol. 2) fir-rigward tal-bilanc li ghadu dovut lir-rikorrent. Spejjez a karigu tal-intimati**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------